



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.9.2011
KUMM(2011) 562 finali

2011/0240 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2012 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għal u l-għanijiet tal-proposta**

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd, il-PKS tfittex li tiżgura l-isfruttar tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin f'kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għodda importanti f'dan ir-rigward hija l-istabbiliment annwali tal-opportunitajiet tas-sajd fl-għamla ta' qabdiet totali permissibbli (Total Allowable Catches - TACs), ta' kwoti u ta' limiti tal-isforzi tas-sajd.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri għall-2012 fir-rigward tal-istokkijiet tal-ħut l-iktar importanti kummerċjalment fil-Baħar Baltiku.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd (COM(2011)298 finali), tiddeskrivi l-isfond tal-proposta. Bil-għan li jiġu ssimplifikati u ċċarati d-deċizzjonijiet annwali dwar it-TAC u l-kwoti, l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku ilhom li ġew stabbiliti mill-2006 permezz ta' Regolament separat.

Il-parir xjentifiku għall-istokkijiet fil-Baħar Baltiku għall-2012 ingħata mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (International Council for the Exploration of the Sea - ICES) f'Mejju 2011 u mill-Komitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries - STECF) f'Ġunju 2011.

Il-proposta fiha żewġ taqsimiet ta' importanza għall-ġestjoni tas-sajd fil-Baltiku fl-2012 permezz tal-opportunitajiet tas-sajd: taqsima minnhom tistabbilixxi t-TACs u l-kwoti u t-taqsima l-oħra tillimita l-isforzi tas-sajd, billi timponi l-limiti fuq l-attività tagħhom (l-għadd ta' jiem fuq il-baħar).

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

L-opportunitajiet tas-sajd u l-mod li bih jiġu allokat lill-Istati Membri huma rregolati kull sena. L-aħħar Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1124/2010 tad-29 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2011 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku.

Ta' rilevanza għall-ġestjoni tas-sajd fil-Baħar Baltiku huwa wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww il-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97 jiddeskrivi l-miżuri ta' kontroll u ta' monitoraġġ għar-rokstituzzjoni tal-

istokkijiet tal-merluzz inkwistjoni. Jistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-istabbiliment tat-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz tal-Lvant u tal-Punent u l-limitazzjonijiet [limiti] tal-isforzi tas-sajd assoċjati magħhom.

- **Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-UE**

Il-miżuri proposti huma konformi mal-għanijiet u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-ġbir u l-użu ta' kompetenza esperta**

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

L-organizzazzjonijiet xjentifiċi kkonsultati kienu l-Kunsill Internazzjonali dwar l-Esplorazzjoni tal-Ibħra (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd (STECF).

Kull sena, l-Unjoni titlob lill-ICES u lill-STECF parir xjentifiku dwar il-qagħda tal-istokkijiet importanti tal-ħut. Il-parir li tirċievi jkopri l-istokkijiet kollha tal-Baltiku li għalihom huma proposti t-TACs.

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-Kunsill Reġjonali Konsultattiv tal-Baħar Baltiku (Baltic Sea Regional Advisory Council - BSRAC) ġie kkonsultat fil-laqgħa tal-Grupp Konġunt ta' Ħidma dwar is-sajd Demersali/Pelaġiku/tas-Salamun f'Ġunju 2011 abbażi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd. L-ICES u l-STECF ipprovdew il-bażi xjentifika għall-proposta. F'dawk il-laqgħat ġew ippreżentati r-regoli għall-istabbiliment tat-TACs u l-kwoti għall-2012 abbażi tal-Komunikazzjoni. L-opinjoni preliminari espressi matul dawn il-laqgħat dwar l-istokkijiet tal-ħut kollha konċernati kienu kkunsidrati u tqiesu kemm jista' jkun fil-proposta mingħajr ma nħolqu kontradizzjonijiet mal-politiki eżistenti jew deterjorament fl-istat tar-riżorzi vulnerabbli.

Il-BSRAC jappoġġa t-tentattiv tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-TACs li huma iktar konsistenti mal-parir xjentifiku, kif ukoll l-applikazzjoni tal-pjan multiannwali għall-merluzz fir-rigward tal-istabbiliment tat-TACs. Barra minn hekk, il-BSRAC ma jaqbilx mal-politika tal-Kummissjoni li tnaqqas it-TACs b'25 % għall-istokkijiet li għalihom mhijiex disponibbli d-dejta u l-valutazzjoni analitika tal-istokk ma setgħetx tingħata mix-xjenzjati.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

It-TACs għall-merluzz tal-Punent u tal-Lvant tal-Baltiku bħala medja żdiedu b'14 % skont il-pjan multiannwali. Tnejn mill-ħames TACs pelaġiċi se jżdiedu u t-tliet TACs li jibqa' se jonqsu. Inġenerali, il-miżuri proposti se jwasslu għal tnaqqis kumplessiv ta' madwar 16 % fl-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet kollha minbarra l-istokkijiet tas-salamun f'termini tal-volumi tal-qabdiet mill-bastimenti tal-Unjoni fil-Baħar Baltiku.

Il-proposta ma tirriflettix biss tħassib għal żmien qasir imma hija wkoll parti minn approċċ iktar fit-tul fejn il-livell tas-sajd jitnaqqas gradwalment għal-livelli ta' sostenibbiltà fit-tul.

Għalhekk, fi żmien medju sa twil, l-approċċ meħud fil-proposta se jwassal għal tnaqqis fl-isforz tas-sajd iżda wkoll għal kwoti stabbli jew li jiżdiedu. Il-konsegwenzi fit-tul tal-approċċ huma mistennija li jkollhom impatt imnaqqas fuq l-ambjent minħabba t-tnaqqis fl-isforz tas-sajd, tnaqqis fis-settur tal-qbid f'termini tal-għadd ta' bastimenti u/jew l-isforz medju tas-sajd għal kull bastiment, u l-istess ammont ta' qabdiet jew iktar. Is-sostenibbiltà tal-attivitajiet tas-sajd se tiżdied fuq żmien twil.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-limiti tal-qbid u tal-isforz applikabbli għas-sajd tal-UE sabiex jintlaħaq l-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd li jiġi żgurat sajd f'livelli li huma bijoloġikament, ekonomikament u soċjalment sostenibbli.

- **Il-bażi legali**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà, ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja.

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE hija r-responsabbiltà tal-Kunsill biex jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament tal-Kunsill inkwistjoni jalloka opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. B'kunsiderazzjoni għall-Artikolu 20(3) tar-Regolament 2371/2002, l-Istati Membri huma liberi jallokaw opportunitajiet bħal dawn lir-reġjuni jew lill-operaturi skont kif jidhrilhom xieraq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom spazju biżżejjed biex jimmanuvraw dwar deċiżjonijiet relatati mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokatilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji ġodda għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament jiġi adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati għall-implimentazzjoni tiegħu diġà jinsabu fis-seħħ.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE u skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

5. IKTAR INFORMAZZJONI

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta tkompli tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (l-UE jew nazzjonali), minħabba li fiha dispożizzjonijiet simili għar-Regolament tal-2011 dwar l-oportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku.

- **Analiżi/reviżjoni/klawżola ta' estinzjoni**

Il-proposta tirrigwarda Regolament annwali għas-sena 2012 u għalhekk ma tinkludix klawżola ta' reviżjoni.

- **Spjegazzjoni Dettaljata**

Il-proposta tistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd għall-2012 għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet għas-sajd tal-Istati Membri fil-Baħar Baltiku.

Iċ-ċifri proposti jirriflettu l-parir xjentifiku, il-konsultazzjoni mal-BSRAC u l-qafas għall-istabbiliment tat-TACs u l-kwoti deskritti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Konsultazzjoni dwar l-Oportunitajiet tas-Sajd. Fejn rilevanti, il-kwantitajiet teoretiċi tal-istokkijiet maqsuma mal-Federazzjoni Russa tnaqqsu mit-TACs proposti.

Peress li l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li tiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd f'konformità mal-politika tal-UE u l-impenji internazzjonali filwaqt li l-oportunitajiet tas-sajd jinżammu stabbli, il-varjazzjonijiet annwali fit-TACs huma limitati sa fejn huwa prattiku filwaqt li jiġi kkunsidrat l-istatus ta' stokk partikolari.

It-TACs u l-kwoti allokat lill-Istati Membri huma mogħtija fl-Anness I u l-limiti tal-isforz tas-sajd huma stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament.

Għall-istokkijiet tal-merluzz, il-limit proposti fuq it-TACs u fuq l-isforz kienu konformi mar-rekwiżiti tal-pjan multiannwali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet. L-element ċentrali tal-pjan huwa tnaqqis gradwali tal-mortalità mis-sajd għal livelli sostenibbli fit-tul li jiżgura l-irkupru tal-istokkijiet u li jrendi ħafna u b'mod stabbli. Minħabba li l-mortalità mis-sajd tal-istokkijiet tal-merluzz diġà tnaqqset għal-livelli indikati fil-pjan multiannwali, m'hemmx il-ħtieġa li jitnaqqas iktar l-isforz tas-sajd, jiġifieri l-jiem fuq il-baħar, u barra minn hekk, it-TAC tista' tiżdied.

Għaż-żewġ stokkijiet tal-aringi (il-Baħar tal-Punent u l-Baħar Bothnian/il-Bajja Bothnian), it-TAC proposta tikkorrispondi mal-mortalità mis-sajd tal-ogħla rendimenti sostenibbli (MSY – maximum sustainable yields) Għall-istokkijiet pelaġiċi l-oħrajn, it-TAC proposta tikkorrispondi għal tnaqqis fil-mortalità mis-sajd li jkollu rata intermedjarja bejn il-livell

attwali u l-mortalità mis-sajd MSY, bl-eċċezzjoni tal-istokk ċentrali tal-aringi. F'dak il-każ partikolari, il-mortalità b'rata intermedjarja mis-sajd se tkun barra mil-livelli ta' prekawzjoni, u allura minflok, it-TAC proposta għandha rata intermedjarja bejn dik li tikkorrispondi għall-mortalità mis-sajd MSY u dik li tikkorrispondi għar-rata ta' prekawzjoni tal-mortalità mis-sajd.

Fil-każ tal-barbun tat-tbajja', li huwa stokk fqir fid-dejta, it-TAC tikkorrispondi għal tnaqqis ta' 25 % fit-TAC meta mqabbla mal-2011. L-opinjoni tal-BSRAC dwar iktar tnaqqis ma tistax tiġi kkunsidrata għaliex b'konformità mal-approċċ deskritt fil-Komunikazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd, in-nuqqas tad-dejta ma jistax jintuża biex jiġġustifika l-kontinwazzjoni tal-livelli attwali tal-qabdiet u għandu japplika l-prinċipju ta' prekawzjoni.

Fir-rigward tal-istokkijiet tas-salamun, minħabba l-inċertezzi li rriżultaw mill-parir xjentifiku li nħareġ f'Mejju mill-ICES, il-Kunsill Reġjonali Konsultattiv tal-Baħar Baltiku organizza laqgħa magħhom f'Awwissu. Wara din il-laqgħa l-ICES ikkonferma mill-ġdid il-parir li kien ingħata qabel.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2012 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd¹ jirrikjedi li l-miżuri li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-insewiment sostenibbli tal-attivitajiet tas-sajd ikunu stabbiliti b'kunsiderazzjoni tal-parir xjentifiku disponibbli u, b'mod partikolari, tar-rapport magħmul mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).
- (3) Il-Kunsill għandu l-obbligu li jadotta l-miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd permezz tas-sajd jew grupp ta' sajd, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu mqassma fost l-Istati Membri b'tali mod li f'kull Stat Membru tiġi żgurata stabbiltà relattiva ta' attivitajiet tas-sajd għal kull stokk jew sajd u b'kunsiderazzjoni għall-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002.
- (4) Il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, billi jiġu kkunsidrati l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, b'mod partikolari fil-laqgħat mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura u l-Kunsilli Reġjonali Konsultattivi kkonċernati.
- (5) Għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet multiannwali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti skont ir-regoli stabbiliti f'dawn il-pjanijiet.

¹ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

Konsegwentement, il-limiti tal-qbid u l-limiti tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku għandhom jiġu stabbiliti skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet².

- (6) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stabbilit f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd³ u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu dwar ir-rappurtar tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-dejta dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd rispettivament. Għalhekk, jeħtieġ li jkunu speċifikati l-kodiċijiet li għandhom jintużaw mill-Istati Membri meta tintbagħat dejta lill-Kummissjoni relatata mal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.
- (7) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti⁴, għandhom jiġu identifikati l-istokkijiet li huma soġġetti għall-miżuri varji msemmija fih.
- (8) Sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, huwa importanti li dan is-sajd jinfetħ fl-1 ta' Jannar 2012,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Il-Kamp ta' applikazzjoni u d-Definizzjonijiet

Artikolu 1 **Is-suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2012 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar Baltiku.

Artikolu 2 **Il-kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.

² ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1.

³ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁴ ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

Artikolu 3
Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) iż-żoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound⁵;
- (b) "Baħar Baltiku" tfisser is-Subdiviżjonijiet tal-ICES 22-32;
- (c) "Bastiment tal-Unjoni" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;
- (d) "qabda totali permissibli" (TAC) tfisser il-kwantità li tista' tittieħed minn kull stokk kull sena;
- (e) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;
- (f) "jum nieqes mill-port" tfisser kwalunkwe perjodu kontinwu ta' 24 siegħa jew parti minnu li fih il-bastiment ikun nieqes mill-port.

Kapitolu II
L-Opportunitajiet tas-Sajd

Artikolu 4
It-TACs u l-allokazzjonijiet

It-TACs, l-allokazzjonijiet ta' dawn it-TACs fost l-Istati Membri, u l-kundizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 5
Id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet

1. L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha tkun bla preġudizzju għal:
 - (a) bidliet magħmula skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;
 - (b) riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - (c) qabdiet [il-ħatt l-art] addizzjonali permessi skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

⁵ ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.

(d) kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(e) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 37, 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Għajr fejn speċifikat mod ieħor fl-Anness I għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għal stokkijiet soġġetti għal TAC ta' prekawzjoni u l-Artikoli 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għal stokkijiet soġġetti għal TAC analitika.

Artikolu 6

Il-kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali

1. Ħut minn stokkijiet li għalihom huma stabbiliti l-limiti tal-qbid, għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk:
 - (a) il-qabdiet ikunu saru minn bastimenti ta' Stat Membru li għandu kwota u dik il-kwota ma ġietx eżawrita; jew
 - (b) il-qabdiet jikkonsistu minn sehem ta' kwota tal-Unjoni li ma kinitx ġiet allokata permezz ta' kwota fost l-Istati Membri, u dik il-kwota tal-Unjoni ma ġietx eżawrita.

Artikolu 7

Il-limiti tal-isforz tas-sajd

1. Il-limiti tal-isforz tas-sajd huma stipulati fl-Anness II.
2. Il-limiti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għas-Subdiviżjonijiet tal-ICES 27 u 28.2 sakemm il-Kummissjoni tkun għadha ma ħaditx deċiżjoni skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 biex teskludi dawk is-Subdiviżjonijiet mir-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 8(1)(b), (3), (4) u (5) u l-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament.
3. Il-limiti msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għas-Subdiviżjoni tal-ICES 28.1 sakemm il-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 li r-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1)(b), (3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 għandhom japplikaw għal dik is-Subdiviżjoni.

Kapitolu III

Id-dispożizzjonijiet finali

Artikolu 8

It-trażmissjoni tad-dejta

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu dejta lill-Kummissjoni relatata mal-iżbark [il-ħatt l-art] tal-kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda,

huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 9
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

TACS APPLIKABBLI SKONT L-ISPEĊIJET U Ż-ŻONI GĦALL-BASTIMENTI TAL-UNJONI F'ŻONI FEJN JEŻISTU T-TACS

It-tabelli li ġejjin jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn huwa speċifikat mod ieħor) skont l-istokk, u l-kundizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonali, fejn huwa xieraq.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

F'kull żona, l-istokkijiet tal-ħut huma msemminja fl-ordni alfabetika li ġejja tal-ismijiet tal-ispeċijiet bil-Latin. It-tabella li ġejja ta' korrispondenzi ta' ismijiet bil-Latin u ismijiet komuni qed tingħata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

Isem xjentifiku	Kodiċi Alpha-3	Isem komuni
<i>Clupea harengus</i>	HER	Aringa
<i>Gadus morhua</i>	COD	Merluzz
<i>Pleuronectes platessa</i>	PLE	Barbun tat-tbajja'
<i>Salmo salar</i>	SAL	Salamun tal-Atlantiku
<i>Sprattus sprattus</i>	SPR	Laċċa kaħla

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	Is-Subdiviżjonijiet 30-31 HER/3D30.; HER/3D31.
Il-Finlandja	86 905 (1)	TAC Analitika	
L-Isvezja	19 095 (2)		
L-Unjoni	106 000 (3)		
TAC	106 000 (3)		
(1) Il-qabdiet f'SD 31 huma limitati għal 1 640 (2) Il-qabdiet f'SD 31 huma limitati għal 360 (3) Il-qabdiet f'SD 31 huma limitati għal 2 000			

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	Is-Subdiviżjonijiet 22-24 HER/3B23.; HER/3C22.; HER/3D24.
Id-Danimarka	2 930	TAC Analitika	
Il-Ġermanja	11 532	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Finlandja	1	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Polonja	2 719		
L-Isvezja	3 718		

L-Unjoni 20 900

TAC 20 900

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32 HER/3D25.; HER/3D26.; HER/3D27.; HER/3D28.; HER/3D29.; HER/3D32.
Id-Danimarka	1 588	TAC Analitika	
Il-Ġermanja	421	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Estonja	8 109	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Finlandja	15 829		
Il-Latvja	2 001		
Il-Litwanja	2 107		
Il-Polonja	17 983		
L-Isvezja	24 140		
L-Unjoni	72 178		
TAC	Mhux rilevanti		

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	Is-Subdiviżjoni 28.1 HER/03D.RG
L-Estonja	13 336	TAC Analitika	
Il-Latvja	15 542		
L-Unjoni	28 878		
TAC	28 878		

Speċijiet	Merluzz <i>Gadus morhua</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-32 COD/3D25.; COD/3D26.; COD/3D27.; COD/3D28.; COD/3D29.; COD/3D30.; COD/3D31.; COD/3D32.
Id-Danimarka	15 587	TAC Analitika	
Il-Ġermanja	6 200		
L-Estonja	1 519		
Il-Finlandja	1 193		
Il-Latvja	5 795		
Il-Litwanja	3 818		

Il-Polonja	17 947
L-Isvezja	15 791
L-Unjoni	67 850

TAC Mhux rilevanti

Speċijiet:	Merluzz <i>Gadus morhua</i>	Żona:	Is-Subdiviżjonijiet 22-24 COD/3B23.; COD/3C22.; COD/3D24.
Id-Danimarka	9 298	TAC Analitika	
Il-Ġermanja	4 546	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Estonja	206	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Finlandja	183		
Il-Latvja	769		
Il-Litwanja	499		
Il-Polonja	2 487		
L-Isvezja	3 312		
L-Unjoni	21 300		
TAC	21 300		

Speċijiet:	Barbun tat-tbajja' <i>Pleuronectes platessa</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni tas- Subdiviżjonijiet 22-32 PLE/3B23.; PLE/3C22.; PLE/3D24.; PLE/3D25.; PLE/3D26.; PLE/3D27.; PLE/3D28.; PLE/3D29.; PLE/3D30.; PLE/3D31.; PLE/3D32.
Id-Danimarka	1 634	TAC ta' prekawżjoni	
Il-Ġermanja	182	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Polonja	342		
L-Isvezja	123		
L-Unjoni	2 281		
TAC	2 281		

Speċijiet:	Salamun Atlantiku <i>Salmo salar</i>	tal-	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-31 SAL/3B23.; SAL/3C22.; SAL/3D24.; SAL/3D25.; SAL/3D26.; SAL/3D27.; SAL/3D28.; SAL/3D29.;
------------	--	------	-------	--

		SAL/3D30.; SAL/3D31.
Id-Danimarka	10 977 (1)	TAC Analitika
Il-Ġermanja	1 221 (1)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Estonja	1 116 (1)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
Il-Finlandja	13 688 (1)	
Il-Latvja	6 982 (1)	
Il-Litwanja	821 (1)	
Il-Polonja	3 330 (1)	
L-Isvezja	14 839 (1)	
L-Unjoni	52 974 (1)	
TAC	Mhux rilevanti	
(1) Espress f'numru ta' ħut individwali.		

Speċijiet:	Salamun tal-Atlantiku <i>Salmo salar</i>	Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjoni 32 SAL/3D32.
L-Estonja	1 116 (1)	TAC Analitika
Il-Finlandja	9 768 (1)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Unjoni	10 884 (1)	
TAC	Mhux rilevanti	
(1) Espress f'numru ta' ħut individwali.		

Speċijiet:	Laċċa kaħla <i>Sprattus sprattus</i>	Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32 SPR/3B23.; SPR/3C22.; SPR/3D24.; SPR/3D25.; SPR/3D26.; SPR/3D27.; SPR/3D28.; SPR/3D29.; SPR/3D30.; SPR/3D31.; SPR/3D32.
Id-Danimarka	21 022	TAC Analitika
Il-Ġermanja	13 318	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Estonja	24 411	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
Il-Finlandja	11 004	
Il-Latvja	29 483	
Il-Litwanja	10 665	
Il-Polonja	62 568	
L-Isvezja	40 639	
L-Unjoni	213 110	

TAC

Mhux rilevanti

ANNESS II

IL-LIMITI TAL-ISFORZ TAS-SAJD

1. Għall-attività tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sajd bix-xbieki tat-tkarkir, bit-tartaruni Daniżi jew irkaptu simili b'malji ta' 90 mm jew ikbar, bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti li għandhom malji ta' 90 mm jew ikbar, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet ħlief konzijiet mitluqa, xolfa tal-idejn u rkaptu tat-trejxix għandu jkun permess għal għadd massimu ta':
 - (a) 163 jum nieqes mill-port fis-Subdiviżjonijiet 22-24 bl-eċċezzjoni tal-perjodu mill-1 sat-30 ta' April meta japplika l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007, u
 - (b) 160 jum nieqes mill-port fis-Subdiviżjonijiet 25-28 bl-eċċezzjoni tal-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu meta japplika l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007.
2. L-għadd massimu ta' jiem nieqes mill-port kull sena li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żewġ żoni definiti fil-punt 1(a) u (b) u jistad bl-irkaptu msemmi fil-punt 1, ma jistax ikun ogħla mill-għadd massimu ta' jiem allokat għal waħda miż-żewġ żoni.